MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2006

Talba Numru. 2385/2004

**Sullivan Maritime Limited**

**Vs**

**Joseph Meli**

**It-Tribunal,**
Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit 22 ta Dicembru 2004 fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn u disgha u sittin lira tmienja u hamsin centezmu (Lm269.58) rapprezentanti valur ta servizzi rezi fuq inkariku tal-konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra legali datata 4 ta Novembru 2004 oltre bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata tal-avviz kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

Ra li l-konvenut ghalkemm inghata l-opportunita biex jikkontesta t-talba attrici baqa ma pprezenta ebda risposta formali ghall-istess.

Sema x-xhieda ta Jonathan Mallia u tal-istess konvenut Joseph Meli.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u ezamina d-dokumenti esebiti miz-zewg partijiet.

Ikkunsidra

Illi l-kaz in ezami si tratta ta spiza sabiex tingieb merkanzija mill-Amerika fuq inkariku tal-konvenut liema nkariku kien inghata wara li s-socjeta attrici kienet harget b’xi quotations ghall-istess. Il-merkanzija waslet Malta, giet konsenjata u accettata mill-konvenut pero`, dan ta l-ahhar baqa ma hallasx ghall-ispiza relattiva hawn mitluba f’dina l-kawza. Mill-ammont mitlub is-somma ta Lm44.79 huma drittijet tas-socjeta attrici filwaqt li l-bilanc l-iehor kollu huma spejjez inkorsi minnhom. Illi l-konvenut jaqbel in sostanza mal-fatti tal-kaz u cioe li talab quotation – ta l-inkariku – u li l-merkanzija giet fil-fatt konsenjata lilu – jaqbel ukoll li kien ircieva invoice qabel il-kawza mis-socjeta attrici ossia “semi official invoice”. Mix-xhieda tieghu tista forsi tifhem li qed jippretendi li l-quote kellha tonqos b’terz stante li jallega li l-volum tal-ordni kien naqasha b’terz. Ighid ukoll li l-merkanzija waslet xi gimghat tard. Fi kwalunkwe kaz jekk din kienet tassew il-posizzjoni tieghu kien imissu ma accettax il-konsenja li waslet ghandu regolarment. Illi ghalhekk in vista tal-premess it-Tribunal ma jara ebda raguni legali ‘il ghala l-konvenut ghandu jkun b’xi mod intitolat jippretendi li ma ghandux ihallas ghas-servizz lilu moghti mis-socjeta attrici.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jiddikjara li t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u konsegwentement ghalhekk jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut Joseph Meli ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma kif rikjesta ta mitejn u disgha u sittin lira tmienja u hamsin centezmu (Lm269.58) bl-

imghax legali dekorribbli mit-18 ta Novembru 2005 u bl-ispejjes ta' din l-istanza a kariku tal-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------